



Federazzjoni sportiva nazzjonali, bħal ma hija l-Federazzjoni Taljana tal-Futbol, tista' tkun suġġetta għar-regoli ta' għoti ta' kuntratti pubbliċi meta hija teżerċita attivitajiet ta' interess ġenerali li ma jkollhomx natura industrijali jew kummerċjali

Madankollu federazzjoni bħal din li jkollha personalità ġuridika għandha wkoll tkun suġġetta għall-kontroll ta' awtorità pubblika, bħal ma huwa l-Kumitat Olimpiku Nazzjonali Taljan, fis-sens li dan tal-aħħar għandu jkun f'pożizzjoni li jinfluwenza d-deċiżjonijiet tal-federazzjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi

Il-Federazione Italiana Giuoco Calcio (il-Federazzjoni Taljana tal-futbol) organizzat proċedura nnegożjata għall-finijiet tal-għoti tas-servizzi ta' trasport għall-ħtiġijiet tal-akkumpanjament tat-timijiet nazzjonali tal-futbol u tal-maħżen tal-FIGC għal perijodu ta' tliet snin. Fi tmiem din il-proċedura, offerent li ġie mistieden jipparteċipa, iżda li ma ngħatax il-kuntratt, ressaq quddiem it-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio, l-Italja) rikors sabiex jikkontesta l-modalitajiet ta' żvolġiment tal-imsemmija proċedura. Skont dan l-offerent il-FIGC għandha titqies li hija korp irregolat mid-dritt pubbliku u li għaldaqstant għandha tosserva r-regoli ta' pubblikazzjoni previsti mil-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi.

Peress li t-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio laqgħa r-rikors u annulla l-għoti tal-kuntratt inkwistjoni, il-FIGC u l-entità li lilha kien ġie attribwit il-kuntratt kienu, kull waħda minnhom, appellaw mis-sentenza mogħtija minn dan it-tribunal quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja). Quddiem din l-aħħar qorti huma b'mod partikolari kkontestaw il-premessa li l-FIGC għandha tiġi kklassifikata bħala "korp irregolat mid-dritt pubbliku".

Huwa f'dan il-kuntest li l-Consiglio di Stato ddeċieda li jissospendi l-proċedura u li jagħmel żewġ domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi¹. L-imsemmija qorti tixtieq tiċċara **jekk il-FIGC tissodisfax ċerti rekwiżiti, previsti f'din id-direttiva, sabiex tkun tista' tiġi kklassifikata bħala "korp irregolat mid-dritt pubbliku" u li bħala tali hija tkun obligata tapplika r-regoli dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi**. B'mod iktar konkret il-qorti tar-rinviju titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta, minn naħa, ir-rekwiżit li jeżiġi li "korp irregolat mid-dritt pubbliku" għandu jkun inħoloq sabiex jissodisfa speċifikament ħtiġijiet ta' interess ġenerali ta' natura mhux industrijali jew kummerċjali² u, min-naħa l-oħra, ir-rekwiżit li jeżiġi li t-tmexxija ta' tali korp għandha tkun suġġetta għall-kontroll ta' awtorità pubblika³.

L-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li, fl-Italja, l-attività ta' interess ġenerali kkostitwita mill-isport titwettagħ minn kull waħda mill-federazzjonijiet sportivi nazzjonali fil-kuntest ta' misjonijiet ta' natura pubblika mogħtija espliċitament lill dawn il-federazzjonijiet mill-leġiżlazzjoni nazzjonali, filwaqt li tispeċifika li donnu diversi minn dawn il-misjonijiet ma għandhomx natura industrijali jew kummerċjali. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li, kemm

¹ Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/CE (ĠU 2014, L 94, p. 65, Rettifika fil-ĠU 2015, L 275, p. 68)

² Artikolu 2(1)(4)(a) tad-Direttiva 2014/24.

³ Artikolu 2(1)(4)(c) tad-Direttiva 2014/24.

il-darba hija effettivament tiżgura tali missjonijiet, federazzjoni sportiva nazzjonali, bħal ma hija l-FIGC, tista' titqies li nħolqot speċifikament sabiex tissodisfa ħtiġijiet ta' interess ġenerali li ma għandhomx natura industrijali jew kummerċjali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika li din il-konklużjoni ma hijiex ikkonfutata mill-fatt li l-FIGC, minn naħa, għandha l-forma ġuridika ta' assoċjazzjoni rregolata mid-dritt privat u, min-naħa l-oħra, twettaq, flimkien mal-attivitajiet ta' interess ġenerali elenkati b'mod eżawrjenti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, attivitajiet oħra li jikkostitwixxu parti kbira mill-globalità tal-attivitajiet tagħha u li huma awtofinanzjati.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kwistjoni ta' **jekk it-tmexxija ta' federazzjoni sportiva nazzjonali għandiex titqies li hija suġġetta għall-kontroll ta' awtorità pubblika bħal ma huwa, f'dan il-każ, il-Comitato Olimpico Nazionale Italiano (il-Kumitat Olimpiku Nazzjonali Taljan)**, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li amministrazzjoni pubblika inkarigata, essenzjalment, li tadotta regoli fil-qasam sportiv, li tivverifika l-applikazzjoni korretta tagħhom u li tintervjeni biss fil-livell tal-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet u tal-preparazzjoni Olimpika mingħajr ma tirregola l-organizzazzjoni u l-prattika ta' kuljum tad-diversi dixxiplini sportivi ma tistax titqies, prima facie, li hija korp ġerarkiku li jista' jikkontrolla u jorjenta t-tmexxija tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali. Hija tkompli tesponi li l-awtonomija ta' tmexxija mogħtija lill-federazzjonijiet sportivi nazzjonali fl-Italja għalhekk **donnha, a priori, tixhed kontra kontroll attiv tal-CONI sa tali punt li dan tal-aħħar huwa f'pożizzjoni li jinfluwenza t-tmexxija ta' federazzjoni sportiva nazzjonali bħal ma hija l-FIGC, b'mod partikolari fil-qasam tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi.**

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika li **tali preżunzjoni tista' tiġi kkonfutata** jekk jiġi stabbilit li, effettivament, id-diversi setgħat mogħtija lill-CONI fil-konfront tal-FIGC għandhom l-effett li joħolqu dipendenza min-naħa ta' din il-federazzjoni fil-konfront tal-CONI sal-punt li dan tal-aħħar ikun jista' jinfluwenza d-deċiżjonijiet tal-imsemmija federazzjoni fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi.

Filwaqt li tenfasizza li **hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika l-eżistenza ta' dipendenza akkumpanjata minn tali possibbiltà ta' influwenza**, il-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi indikazzjonijiet speċifiċi intiżi li jiggwidaw lill-imsemmija qorti fid-deċiżjoni tagħha. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tindika b'mod partikolari li, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' kontroll attiv mill-CONI fuq it-tmexxija tal-FIGC u tal-possibbiltà ta' influwenza mill-CONI fuq id-deċiżjonijiet ta' din tal-aħħar fil-qasam tal-kuntratti pubbliċi, l-analiżi tad-diversi setgħat tal-CONI fir-rigward tal-FIGC għandha tkun is-suġġett ta' evalwazzjoni globali.

Barra minn hekk, hija tosserva li, **fil-każ fejn ikollu jiġi deċiż li l-CONI jikkontrolla t-tmexxija tal-federazzjonijiet sportivi nazzjonali**, il-fatt li dawn tal-aħħar jeżerċitaw, minħabba l-parteċipazzjoni maġġoritarja tagħhom fi ħdan il-korpi prinċipali tal-CONI, influwenza fuq l-attività ta' dan tal-aħħar huwa rilevanti biss **jekk ikun jista' jiġi stabbilit li kull waħda minn dawn il-federazzjonijiet, ikkunsidrata b'mod iżolat, hija f'pożizzjoni li teżerċita influwenza sinjifikattiva fuq il-kontroll pubbliku eżerċitat mill-CONI fir-rigward tagħha** bil-konsegwenza li dan il-kontroll jixxejjen u li tali federazzjoni terġa' tikseb, b'dan il-mod, ir-riedni tat-tmexxija tagħha.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355